REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 350/2011

tal-11 ta' April 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1251/2008 rigward ir-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq ta' kunsinni ta' gajdri tal-Paċifiku maħsuba għall-Istati Membri jew partijiet minnhom b'miżuri nazzjonali rigward il-virus tal-erpete tal-gajdri ostreid herpes 1 μvar (OsHV-1 μvar) approvati bid-Deċiżjoni 2010/221/UE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 61(3) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1251/2008 tat-12 ta' Diċembru 2008 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet li jgħaddu l-mard [2] jistipula r-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq li jinkludu rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni, biex jiddaħħlu annimali tal-akkwakultura f'żoni fejn hemm miżuri nazzjonali approvati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE tal-15 ta' April 2010 li tapprova miżuri nazzjonali biex jiġi limitat l-impatt ta' ċertu mard fl-annimali tal-akkwakultura u annimali akkwatiċi selvaġġi b'konformità mal-Artikolu 43 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE [3].

(2) Mill-2008 sal-lum kien hemm żieda fil-mortalità tal-gajdri tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*) f'għadd ta' żoni fl-Irlanda, fi Franza u fir-Renju Unit. L-istudji epidemjoloġiċi li twettqu fl-2009 taw ħjiel li l-kaġun ta' dan hija, fil-parti l-kbira, razza ta' virus tal-erpete tal-gajdri-1 (ostreid herpesvirus-1 - OsHV-1), OsHV-1 μvar, li ma ilhiex li ġiet deskritta.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 175/2010 tat-2 ta' Marzu 2010 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward ta' miżuri għall-kontroll taż-żieda fil-mortalità fil-gajdri tal-ispeċi *Crassostrea gigas* b'rabta mas-sejbien tal-Ostreid herpesvirus 1 μvar (OsHV-1 μvar) [4] ġie adottat bl-għan li jwaqqaf iżjed tixrid ta' OsHV-1 μvar. Dan introduċa għadd ta' miżuri għall-kontroll tat-tixrid ta' din il-marda u għandu jibqa' japplika sat-30 ta' April 2011.

(4) Id-Deċiżjoni 2010/221/UE, kif ġiet emendata dan l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/187/UE [5], tippermetti lil dawk l-Istati Membri li huma elenkati fl-Anness III tagħha li jimponu r-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq fuq it-trasportazzjoni ta' gajdri tal-Paċifiku f'żoni fejn hemm programmi approvati ta' sorveljanza, biex tipprevjeni l-introduzzjoni ta' OsHV-1 μvar f'dawn iż-żoni. Għaċ-ċarezza u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, ir-rekwiżiti rispettivi għat-tqegħid fis-suq għandhom jiġu stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1251/2008.

(5) Biex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' OsHV-1 μvar fl-Istati Membri jew f'partijiet minnhom elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2010/221/UE, il-kunsinni ta' gajdri tal-Paċifiku li huma ddestinati għat-trobbija jew għal żoni ta' żamma, u għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija jew negozji simili qabel ma jittieklu mill-bnedmin, li jidħlu f'dawn l-Istati Membri jew f'partijiet minnhom iridu jkunu oriġinaw minn żona fejn hemm stat ta' saħħa ekwivalenti.

(6) Biex jiġi żgurat li dawn ir-rekwiżiti jiġu ssodisfatti, dawn il-kunsinni jridu jkunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jipprovdi ċ-ċertifikazzjonijiet meħtieġa.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Jeħtieġ li jiġu stipulati miżuri tranżitorji biex jippermettu lill-Istati Membri u l-industrija jwettqu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda stipulati f'dan ir-Regolament.

(9) Biex ma jinfirixx iżjed l-OsHV-1 μvar, dan ir-Regolament għandu japplika minnufih wara d-data ta' skadenza tar-Regolament (KE) Nru 175/2010.

(10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1251/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1, il-punt (b)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(ii) annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamentali miftuħa, jew stokkjar mill-ġdid u għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.
[2] ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41.
[3] ĠU L 98, 20.4.2010, p. 7.
[4] ĠU L 52, 3.3.2010, p. 1.
[5] ĠU L 80, 26.3.2011, p. 15

u negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem fl-Istati Membri jew partijiet minnhom bil-miżuri nazzjonali approvati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE (*);"

(*) ĠU L 98, 20.4.2010, p. 7.

(2) Mal-Artikolu 8a(1)(a), għandu jiżdied il-punt (iii) li ġej:

"(iii) l-Anness III tad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala suġġetti għal programm ta' sorveljanza għal waħda jew iktar mill-mard elenkat fl-ewwel kolonna ta' din it-tabella;"

(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 8b li ġej:

"L-Artikolu 8b

Molluski ħajjin maħsubin biex jintbagħtu f'ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija jew negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem fl-Istati Membri u partijiet minnhom li għandhom miżuri nazzjonali approvati bid-Deċiżjoni 2010/221/UE.

1. Kunsinni ta' molluski ħajjin maħsuba għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija, u negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness II u n-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fl-Anness V, fejn dawn l-annimali:

(a) jiddaħħlu fi Stati Membri jew f'partijiet minnhom elenkati fit-tieni u r-raba' kolonna tat-tabella stabbilita fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2010/221/UE soġġetti għal programm ta' sorveljanza għal marda jew għal iżjed minn marda waħda fost dawk li hemm elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella;

(b) ġejjin mill-ispeċijiet li huma elenkati fil-Parti C tal-Anness II bħala speċijiet suxxettibbli għal mard(a), li għalih(a) japplika programm ta' sorveljanza skont id-Deċiżjoni 2010/221/UE, kif imsemmi fil-punt (a).

2. Il-kunsinni tal-molluski ħajjin imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fiċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u n-noti ta' spjegazzjoni kif imsemmi f'dak il-paragrafu.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-kunsinni ddestinati għaċ-ċentri ta' spedizzjoni, għaċ-ċentri ta' tisfija jew negozji simili li għandhom sistema ta' trattament tal-effluwent ivvalidata mill-awtorità kompetenti li:

(a) tiddiżattiva l-virusijiet fl-involukru; jew

(b) tnaqqas ir-riskju li jiġi trażmess il-mard fl-ilma naturali għal livell aċċettabbli."

(4) L-Anness II huwa ssostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Għal perjodu transizzjonali sal-15 ta' Mejju 2011, il-kunsinni ta' gajdri tal-Paċifiku akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġin skont il-Parti A jew B tal-Anness II tar-Regolament (KE) 1251/2008 qabel l-emendi li ddaħlu permezz tar-Regolament preżenti, u ċertifikat tas-saħħa tal-annimali maħruġ skont l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 175/2010 jistgħu jitpoġġew fis-suq sakemm jaslu fid-destinazzjoni aħħarija tagħhom qabel din id-data.

2. Għal perjodu transizzjonali sal-1 ta' Lulju 2012, il-kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura akkumpanjati minn ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġin skont il-Parti A jew B tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 qabel ma ddaħlu l-emendi mir-Regolament preżenti, jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq sakemm ma japplikawx id-dikjarazzjonijiet rigward l-OsHV-1 µvar stabbiliti fil-Parti II ta' dawn iċ-ċertifikati u sakemm dawn jaslu fid-destinazzjoni tagħhom qabel din id-data.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS II

PARTI A

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali għat-tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura għat-trobbija, għażżoni ta' żamma, għal meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, għal faċilitajiet ornamentali miftuħa u għall-istokkjar mill-ġdid

UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ fl-Unjoni**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.9.

I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.11.

I.12. Pajjiż ta' oriġini
Azjenda tal-akkwakultura approvata ☐
Oħrajn ☐
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Azjenda tal-akkwakultura approvata ☐
Oħrajn ☐
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14. Post tat-tagħbija
Kodiċi Postali

I.15. Data u ħin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tat-tren ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali | Stat Membru

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Trobbija ☐ Stokkjar mill-ġdid tal-ambjent naturali ☐ Żona ta' żamma ☐ Annimali Domestiċi ☐ Kwarantina ☐ Oħrajn ☐

I.26. Tranzitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Punt ta' ħruġ | Kodiċi
Punt ta' dħul | Nru tal-BIP

I.27. Tranzitu minn Stati Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Punt ta' ħruġ | Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti
Speċi (isem xjentifiku) | Kwantità

UNJONI EWROPEA

Tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura għat-trobbija, għaż-żoni ta' żamma, għall-meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, għal faċilitajiet ornamentali miftuħa u għal stokkjar mill-ġdid

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1 Rekwiżiti ġenerali

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali tal-akkwakultura msemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 *jew* (1))[ġew spezzjonati fi żmien (1)(2)[72] (1)[24] siegħa mit-tagħbija, u ma wrew ebda sinjal kliniku ta' mard]

jew (1)[fil-każ ta' bajd u molluski, ġejjin minn farm jew żona ta' trobbija tal-molluski fejn, skont ir-rekords tal-farm jew taż-żona ta' trobbija tal-molluski, ma hemm ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard]

jew (1)(3)[fil-każ ta' annimali akkwatiċi selvaġġi, fl-aħjar għarfien u twemmin tiegħi huma klinikament f'saħħithom];

II.1.2 mhuma soġġetti għal ebda projbizzjoni minħabba żieda mhux spjegata ta' mortalità;

II.1.3 mhumiex maħsuba għall-qerda jew tbiċċir għall-qerda tal-mard;

II.1.4 jikkonformaw mar-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE;

II.1.5 (1)[fil-każ ta' molluski, kienu soġġetti għall-kontroll viżwali individwali ta' kull parti tal-kunsinna, u ma nstabu ebda speċijiet ta' molluski għajr dawk speċifikati fil-Parti I taċ-ċertifikat.]

II.2 (1)(4)(5)**[Rekwiżiti għal speċijiet suxxettibbli għas-Settiċemija emorraġika virali (VHS), Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), Anemija infettiva tas-salamun (ISA), Vajrus tal-erpete tal-koi (KHV), Marteilia refringens, Bonamia ostreae, u/jew il-Marda tat-tikka bajda][il-Marda tat-Tikek Bojod]**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq:

jew jew(1)(6)[joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn (1)[VHS] (1)[IHN] (1)[ISA] (1)[KHV] (1)[Marteilia refringens] (1)[Bonamia ostreae] (1)[Il-Marda tat-tikka bajda] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE.]

jew (1)(5)(6)[fil-każ ta' annimali akkwatiċi selvaġġi, kienu soġġetti għal kwarantina skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE.]]

II.3 (1)(7)**[Rekwiżiti għal speċijiet li jgħaddu l-mard għas-Settiċemija emorraġika virali (VHS), in-Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), l-Anemija infettiva tas-salamun (ISA), il-Vajrus tal-erpete tal-koi (KHV), il-Marteilia refringens, il-Bonamia ostreae, u/jew il-Marda tat-tikka bajda**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq li għandhom jitqiesu bħala vectors (speċijiet li jgħaddu l-mard) probabbli għal (1)[VHS] (1)[IHN] (1)[ISA] (1)[KHV] (1)[Marteilia refringens] (1)[Bonamia ostreae] (1)[Il-Marda tat-tikka bajda] billi huma ta' speċijiet elenkati fil-Kolonna 2 u jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kolonna 3 tat-tabella fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008:

jew jew(1)(6)[joriġinaw minn Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn (1)[VHS] (1)[IHN] (1)[ISA] (1)[KHV] (1)[Marteilia refringens] (1)[Bonamia ostreae] (1)[Il-Marda tat-tikka bajda] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE.]

jew (1)(6)(7)[ġew soġġetti għall-kwarantina skont id-Deċiżjoni 2008/946/KE.]]

II.4 Ġarr u rekwiżiti għall-ittikkettar

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

II.4.1 l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq,

(i) jinsabu f'kundizzjonijiet, inkluża l-kwalità tal-ilma, li ma jibdlux l-istat tas-saħħa tagħhom,

(ii) kif xieraq, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-ġarr tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1/2005;

UNJONI EWROPEA

Tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura għat-trobbija, għaż-żoni ta' żamma, għall-meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, għal faċilitajiet ornamentali miftuħa u għal stokkjar mill-ġdid

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.4.2 il-kontejner tat-trasport jew il-bastiment vivarju [bastiment mgħammar b'tank għall-ġarr ta' annimali akkwatiċi ħajjin (well boat)] qabel it-tagħbija kien nadif u ddiżinfettat jew ma kienx intuża qabel; u

II.4.3 il-kunsinna tiġi identifikata minn tikketta leġġibbli fuq in-naħa ta' barra tar-reċipjent, jew meta tinġarr f'bastiment mafqas, fil-manifest tal-bastiment, bit-tagħrif relevanti msemmi fil-kaxxi minn I.8 sa I.13 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u din id-dikjarazzjoni li ġejja:

jew (1)['(1)[Ħut] (1)[Molluski] (1)[Krustaċji] (1)[Selvaġġ(i)] maħsub(a) għat-trobbija fl-Unjoni Ewropea'],

jew (1)['(1)[Molluski] (1)[Selvaġġi] maħsuba għal żona ta' żamma fl-Unjoni Ewropea'],

jew (1)['(1)[Ħut] (1)[Molluski] (1)[Krustaċji] (1)Selvaġġ(i)] maħsub(a) għal meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment fl-Unjoni Ewropea'],

jew (1)['(1)[Ħut ornamentali] (1)[Molluski ornamentali] (1)[Krustaċji ornamentali] (1)[Selvaġġ(i)] maħsub(a) għal faċilitajiet ornamentali miftuħa fil-Komunità'],

jew (1)['(1)[Ħut] (1)[Molluski] (1)Krustaċji] maħsuba għal stokkjar mill-ġdid fl-Unjoni Ewropea'],

jew (1)['(1)[Ħut] (1)[Molluski] (1)[Krustaċji] (1)[Selvaġġ(i)] maħsub(a) għall-kwarantina fl-Unjoni Ewropea'],

II.5 (1)(8)**[Ċertifikat għall-kunsinni li joriġinaw minn żona soġġetta għall-miżuri ta' kontroll tal-mard kif previst fit-Taqsimiet 3 sa 6 tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2006/88/KE**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

II.5.1 l-annimali msemmija hawn fuq joriġinaw minn żona soġġetta għall-miżuri ta' kontroll tal-mard fir-rigward ta' (1)[Is-Sindromu ulċerativ epiżotiku (EUS)] (1)[Nekrożi ematopojetika epiżotika (EHN)] (1)[Settiċemija emorraġika virali (VHS)] (1)[Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)] (1)[Anemija infettiva tas-salamun (ISA)] (1)[Vajrus tal-erpete tal-koi (KHV)] (1)[Bonamia exitiosa] (1)[Perkinsus marinus] (1)[Mikrocytos mackini] (1)[Marteilia refringens] (1)[Bonamia ostreae] (1)[Is-Sindromu Taura] (1)[Il-Marda Yellowhead] (1)[Il-Marda tat-tikka bajda] (1)(9)[il-marda li qed titfaċċa li ġejja .....];

II.5.2 l-annimali msemmija hawn fuq jistgħu jitqiegħdu fis-suq skont il-miżuri ta' kontroll stabbiliti; u

II.5.3 il-kunsinna tiġi identifikata minn tikketta leġġibbli fuq in-naħa ta' barra tar-reċipjent, jew meta tinġarr minn bastiment mafqas, fil-manifest tal-vapur, bit-tagħrif relevanti msemmi fil-kaxxi I.8 sa I.13 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u din id-dikjarazzjoni li ġejja:

'(1)[Ħut] (1)[Molluski] (1)[Krustaċji] (1)Selvaġġ(i)] li joriġina(w) minn żona soġġetta għall-miżuri ta' kontroll tal-mard'.]

II.6 (1)(10)**[Rekwiżiti għal speċijiet suxxettibbli għal Viremija tar-rebbiegħa tal-karpjuni (SVC), Marda tal-fwied batterika (BKD), Vajrus infettiv tan-nekroży pankreatika (IPN) u Infezzjoni bil-Gyrodactylus salaris (GS)]**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq,

jew (1)[joriġinaw minn Stat Membru jew parti minnu:

(a) fejn (1)[SVC] (1)[GS] (1)[BKD] (1)[IPN] huma notifikabbli lill-awtorità kompetenti u r-rapporti ta' suspetti ta' infezzjoni bil-mard relevanti għandhom jiġu investigati immedjatament mill-awtorità kompetenti,

(b) fejn l-annimali kollha tal-akkwakultura ta' speċijiet suxxettibbli għall-mard relevanti introdott f'dan l-Istat Membru jew parti minnu jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fit-II.6 ta' dan iċ-ċertifikat,

(ċ) fejn speċijiet suxxettibbli għall-mard rilevanti mhumiex imlaqqma kontra l-mard rilevanti; u

UNJONI EWROPEA

Tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura għat-trobbija, għaż-żoni ta' żamma, għall-meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, għal faċilitajiet ornamentali miftuħa u għal stokkjar mill-ġdid

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(d) *jew* (1)[li, fil-każ ta' (1)[IPN](1)[BKD], jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-ħelsien mill-mard ekwivalenti għal dawk imniżżla fil-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE.]

u/jew (1)[li, fil-każ ta (1)[SVC] (1)[GS], jikkonforma mar-rekwiżiti għall-ħelsien mill-mard imniżżla fl-OIE Standard relevanti.]

u/jew (1)[li, fil-każ ta (1)[SVC] (1)[IPN] (1)[BKD], jinkludi farm individwali taħt is-sorveljanza tal-awtorità kompetenti:

(i) ikun ġie żvojtat, imnaddaf u ddiżinfettat, u mserraħ għal mill-inqas sitt ġimgħat,

(ii) ġie stokkjat mill-ġdid b'annimali miż-żoni ċċertifikati ħielsa mill-mard relevanti mill-awtorità kompetenti.]]

u/jew (1)[fil-każ ta' annimali akkwatiċi selvaġġi suxxettibbli għal (1)[SVC] (1)[IPN] (1)[BKD], ġew suġġetti għall-kwarantina f'kundizzjonijiet mill-inqas ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Deċiżjoni 2008/946/KE.]

u/jew (1)[fil-każ ta' kunsinni li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti tal-GS, jinżammu, immedjatament qabel ma jitqiegħdu fis-suq, f'ilma b'salinità ta' mill-inqas 25 parti għal kull 1 000 għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 14-il jum u l-ebda annimal akkwatiku ħaj tal-ispeċijiet suxxettibbli għall-GS ma jkun ġie introdott waqt dak il-perjodu.]

u/jew (1)[fil-każ ta' bajd tal-ħut iffertilizzat li għalih japplikaw ir-rekwiżiti GS, ikun ġie ddiżinfettat skont metodu li jidher li huwa effettiv kontra l-GS.]]

II.7 (1)(11)**[Rekwiżiti għall-ispeċijiet li huma suxxettibbli għall- OsHV-1 µvar**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq,

jew (1)[joriġinaw minn Stat Membru jew kompartiment:

(a) fejn l-OsHV-1 µvar għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità kompetenti, u r-rapporti dwar suspetti ta' infezzjoni bil-marda relevanti jridu jiġu mistħarrġa minnufih mill-awtorità kompetenti,

(b) fejn l-annimali kollha tal-akkwakultura ta' speċijiet suxxettibbli għall-OsHV-1 µvar introdotti f'dan l-Istat Membru jew f'kompartiment jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fi II.7 ta' dan iċ-ċertifikat,

(ċ) *jew* (1)[li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-ħelsien mill-mard ekwivalenti għal dawk stipulati fil-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE.]

u/jew (1)[fil-każ ta' kunsinni li huma koperti minn programm approvat bid-Deċiżjoni 2010/221/UE, maħsubin għal Stat Membru jew kompartiment, li huwa wkoll kopert minn programm ta' sorveljanza approvat bid-Deċiżjoni 2010/221/UE,]

u/jew (1)[ġew soġġetti għal kwarantina taħt kundizzjonijiet għall-inqas ekwivalenti għal dawk imniżżla skont id-Deċiżjoni 2008/946/KE.]

Rimarki

Parti I:

— Il-Kaxxa I.12: Fejn relevanti uża n-numru ta' awtorizzazzjoni għall-farm jew għaż-żona fejn jitrabbew il-molluski kkonċernati. Uża 'oħrajn' jekk ikunu annimali akkwatiċi selvaġġi.

— Il-Kaxxa I.13: Fejn relevanti uża n-numru ta' awtorizzazzjoni għall-farm jew għaż-żona fejn jitrabbew il-molluski kkonċernati. Uża 'oħrajn' jekk maħsuba għal istokkjar mill-ġdid.

— Il-Kaxxa I. 19: Uża l-kodiċijiet SA (Sistema Armonizzata) xierqa: 0301, 0306, 0307, 030110 jew 030270.

— Kaxxa I.20 u I.31: Fir-rigward tal-kwantità, agħti n-numru totali.

— Il-Kaxxa I.25: Uża l-għażla 'Tnissil' jekk maħsuba għat-trobbija, 'Żona ta' żamma' jekk maħsuba għal żona ta' żamma, 'Annimali domestiċi' jekk maħsuba għal faċilitajiet ornamentali miftuħa, 'Stokkjar mill-ġdid tal-ambjent naturali' jekk maħsuba għal stokkjar mill-ġdid, 'Kwarantina' jekk l-annimali tal-akkwakultura huma maħsuba għal faċilità ta' kwarantina, u 'Oħrajn' jekk maħsuba għal meded ta' ilma fejn isir is-sajd b'ripopolazzjoni artifiċjali.

Parti II:

(1) Żomm skont il-każ.

(2) L-għażla ta' 24 siegħa tapplika biss għal kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura li skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat u li b'konformità mar-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq tad-Direttiva 2006/88/KE huma permessi mill-awtorità kompetenti li jitilqu minn żona soġġetta għal dispożizzjonijiet dwar il-kontroll previsti fit-Taqsimiet 3 sa 6 tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2006/88/KE jew Stat Membru, żona jew kompartiment bi programm ta' eradikazzjoni approvat skont l-Artikolu 44(2) ta' din id-Direttiva. Fil-każijiet l-oħra kollha tapplika l-għażla ta' 72 siegħa.

UNJONI EWROPEA

Tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura għat-trobbija, għaż-żoni ta' żamma, għall-meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, għal faċilitajiet ornamentali miftuħa u għal stokkjar mill-ġdid

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(3) Applikabbli biss għal kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura maqbuda mis-selvaġġ u trasportati immedjatament lejn farm jew żona ta' tkabbir tal-molluski mingħajr ħżin temporanju.

(4) Il-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika għal speċijiet li huma suxxettibbli għal waħda jew aktar minn waħda mill-mardiet imsemmija f'dan it-titolu. Speċijiet suxxettibbli huma elenkati fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.

(5) Kunsinni ta' annimali akkwatiċi selvaġġi jistgħu jitqiegħdu fis-suq minkejja r-rekwiżiti tal-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat jekk ikunu maħsuba għal faċilità ta' kwarantina konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE.

(6) Biex ikun awtorizzat id-dħul fi Stat Membru, f'żona jew f'kompartiment iddikjarati ħielsa minn VHS, IHN, ISA, KHV, Marteilia refringens, Bonamia ostreae, jew il-Marda tat-tikka bajda jew bi programm ta' sorveljanza jew ta' qerda stabbilit skont l-Artikolu 44(1) jew (2) tad-Direttiva 2006/88/KE, waħda minn dawn id-dikjarazzjonijiet għandha tinżamm jekk il-kunsinna tinkludi speċijiet suxxettibbli jew vectors ta' mard(a) li għalih(a) japplika(aw) ħelsien mill-mard jew programm(i). Id-dejta dwar l-istatus tal-mard għal kull farm u żona ta' tkabbir tal-molluski fl-Unjoni hija aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm

(7) Il-Parti II.3 ta'dan iċ-ċertifikat tapplika għal speċijiet li huma vectors ta' marda waħda jew aktar fost dawk imsemmijin fit-titolu. Speċijiet bil-probabbiltà li jgħaddu l-mard, u l-kundizzjonijiet li taħthom il-kunsinni ta' dawn l-ispeċijiet għandhom jitqiesu bħala speċijiet li jgħaddu l-mard, huma elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008. Kunsinni ta' speċijiet bil-probabbiltà li jgħaddu l-mard jistgħu jitqiegħdu fis-suq minkejja r-rekwiżiti tal-Parti II.3 jekk il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kolonna 4 tat-tabella fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 ma jiġux sodisfatti jew ikunu maħsuba għal faċilità ta' kwarantina li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE.

(8) Il-Parti II.5 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika għal kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura li skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 għandhom jiġu akkumpanjati b'ċertifikat u li b'konformità mar-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq tad-Direttiva 2006/88/KE huma permessi mill-awtorità kompetenti li jitilqu minn żona soġġetta għad-dispożizzonijiet dwar il-kontroll previsti fit-Taqsimiet 3 sa 6 tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2006/88/KE jew Stat Membru, żona jew kompartiment bi programm ta' eradikazzjoni approvat skont l-Artikolu 44(2) ta' din id-Direttiva.

(9) Applikabbli meta jittieħdu miżuri skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2006/88/KE.

(10) Il-Parti II.6 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika biss għal kunsinni maħsuba għal Stat Membru jew parti minnu li huwa meqjus bħala ħieles mill-mard, jew li għalih huwa approvat programm skont id-Deċiżjoni 2010/221/UE fir-rigward tal-SVC, il-BKD, l-IPN jew il-GS, u l-kunsinna fiha speċijiet fost dawk imniżżla fil-Parti C tal-Anness II bħala suxxettibbli għall-mard li għalih japplika l-istatus jew il-programm/i ħieles/ħielsa mill-mard.

Il-Parti II.6 għandha tapplika għal kunsinni ta' ħut ta' kwalunkwe speċi li ġejjin minn ilmijiet fejn l-ispeċijiet elenkati fil-Parti C tal-Anness II bħala speċijiet suxxettibbli għall-infezzjoni bil-Gyrodactylus salaris, huma preżenti, fejn dawk il-kunsinni huma maħsuba għal Stat Membru jew parti minnu mniżżel fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala ħieles mill-Gyrodactylus salaris (GS).

Kunsinni ta' annimali akkwatiċi selvaġġi li għalihom ir-rekwiżiti relatati tal-SVC, l-IPN u/jew il-BKD huma applikabbli, jistgħu jitqiegħdu fis-suq minkejja r-rekwiżiti fil-Parti II.6 ta' dan iċ-ċertifikat jekk ikunu maħsuba għal faċilità ta' kwarantina konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/946/KE.

(11) Il-Parti II.7 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika biss għal kunsinni ddestinati għal Stat Membru jew kompartiment li hu meqjus li hu ħieles mill-mard, jew li għalih hemm programm approvat bid-Deċiżjoni 2010/221/UE rigward l-OsHV-1 µvar, u l-kunsinna jkun fiha speċijiet elenkati bħala speċijiet suxxettibbli għall-OsHV-1 µvar fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-parti II.7 ma għandhomx japplikaw għal kunsinni li huma ddestinati għal faċilità ta' kwarantina li mill-inqas tissodisfa rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Deċiżjoni 2008/946/KE.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Unità veterinarja lokali: Nru tal-LVU:

Data: Firma:

Timbru:

PARTI B

Mudell taċ-ċertifikat ta' saħħa tal-annimali għat-tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għal aktar ipproċessar, għal ċentri ta' spedizzjoni u ċentri ta' tisfija u negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem

UNJONI EWROPEA **Ċertifikat għall-kummerċ fl-Unjoni**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna ppreżentata

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. Nru ta' referenza lokali

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali

I.6.

I.7.

I.8. Pajjiż ta' oriġini | Kodiċi ISO | I.9.

I.10. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO | I.11.

I.12. Pajjiż ta' oriġini
Azjenda tal-akkwakultura approvata ☐
Oħrajn ☐
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.13. Post ta' destinazzjoni
Azjenda tal-akkwakultura approvata ☐
Oħrajn ☐
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali

I.14. Post tat-tagħbija
Kodiċi Postali

I.15. Data u ħin ta' tluq

I.16. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Bastiment ☐ Vagun tat-tren ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni

I.17. Trasportatur
Isem | Numru tal-approvazzjoni
Indirizz
Kodiċi Postali | Stat Membru

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur

I.24. Tip ta' imballaġġ

I.25. Prodotti ċċertifikati għal:
Konsum mill-bniedem: ☐

I.26. Tranzitu minn pajjiż terz ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Punt ta' ħruġ | Kodiċi
Punt ta' dħul | Nru tal-BIP

I.27. Tranzitu minn Stati Membri ☐
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO
Stat Membru | Kodiċi ISO

I.28. Esportazzjoni ☐
Pajjiż Terz | Kodiċi ISO
Punt ta' ħruġ | Kodiċi

I.29.

I.30.

I.31. Identifikazzjoni tal-prodotti
Speċi (isem xjentifiku) | Kwantità

UNJONI EWROPEA **Tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura jew prodotti tagħhom għall-konsum mill-bniedem**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikato	II.b.

II.1 Rekwiżiti ġenerali

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali tal-akkwakultura jew prodotti tagħhom imsemmija fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar it-tqegħid fis-suq stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE.

II.2 (1)(2)**[Rekwiżiti għal speċijiet suxxettibbli għas-Settiċemija emorraġika virali (VHS), Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), Anemija infettiva tas-salamun (ISA), Vajrus tal-erpete tal-koi (KHV), Marteilia refringens, Bonamia ostreae, u/jew il-Marda tat-tikka bajda[il-Marda tat-tikek bojod]**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-annimali tal-akkwakultura jew prodotti tagħhom imsemmija hawn fuq:

II.2.1 (1)joriġinaw minn Stat Membru, minn żona jew kompartiment iddikjarati ħielsa minn (1)[VHS] (1)[IHN] (1)[ISA] (1)[KHV] (1)[Marteilia refringens] (1)[Bonamia ostreae] (1)[Il-Marda tat-tikka bajda] skont il-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE.]

II.3 Ġarr u rekwiżiti għall-ittikkettar

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

II.3.1 l-annimali tal-akkwakultura jew il-prodotti tagħhom imsemmija hawn fuq,

(i) jinsabu f' kundizzjonijiet, inkluża l-kwalità tal-ilma, li ma jibdlux l-istat tas-saħħa tagħhom,

(ii) kif xieraq, jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ġenerali għall-ġarr tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005;

II.3.2 Il-kontejner tat-trasport jew il-bastiment mafqas [jew bastiment vivarju (mgħammar b'tank għall-ġarr ta' annimali akkwatiċi ħajjin - well boat)] qabel it-tagħbija kien nadif u ddiżinfettat jew ma kienx intuża qabel; u

II.3.3 il-kunsinna tiġi identifikata minn tikketta leġibbli fuq in-naħa ta' barra tar-reċipjent, jew meta tinġarr minn bastiment mafqas, fil-manifest tal-vapur, bit-tagħrif rilevanti msemmi fil-kaxxi I.8 sa I.13 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u din id-dikjarazzjoni li ġejja:

'(1)[Ħut] (1)[Molluski] (1)[Krustaċji] maħsuba għal (1)[aktar ipproċessar] (1)[ċentri ta' spedizzjoni jew negozji simili] (1)[ċentri ta' tisfija jew negozji simili] qabel il-konsum mill-bniedem fl-Unjoni Ewropea'.

II.4 (1)(3)**[Ċertifikat għal kunsinni li joriġinaw minn żona soġġetta għal miżuri ta' kontroll tal-mard**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niċċertifika li:

II.4.1 *jew* (1)[l-annimali msemmija hawn fuq ġew spezzjonati fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija tagħhom, u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard],

jew (1)[fil-każ ta' bajd u molluski, ġejjin minn farm jew minn żona ta' tkabbir tal-molluski fejn, skont ir-rekords tal-farm jew taż-żona ta' tkabbir tal-molluski, mhemm l-ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard]; problems];

II.4.2 l-annimali msemmija hawn fuq joriġinaw minn żona soġġetta għal miżuri ta' kontroll tal-mard fir-rigward ta' (1)[Is-Sindromu ulċerattiv epiżotiku (EUS)] (1)[Nekrosi ematopojetika epiżotika (EHN)] (1)[Settiċemija emorraġika virali (VHS)] (1)[Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN)] (1)[Anemija infettiva tas-salamun (ISA)] (1)[Vajrus tal-erpete tal-koi (KHV)] (1)[Bonamia exitiosa] (1)[Perkinsus marinus] (1)[Mikrocytos mackini] (1)[Marteilia refringens] (1)[Bonamia ostreae] (1)[Is-Sindromu Taura] (1))[Il-Marda Yellowhead] (1)[Il-Marda tat-tikka bajda] (1)(4)[il-mard li qed jitfaċċa li ġej: .....];

II.4.3 l-annimali msemmija hawn fuq jistgħu jitqiegħdu fis-suq skont il-miżuri ta' kontroll stabbiliti; u

II.4.4 il-kunsinna hija identifikata b'tikketta leġġibbli fuq in-naħa ta' barra tar-reċipjent, jew meta ttrasportati bil-bastiment mafqas, fil-manifest tal-bastiment, mat-tagħrif rilevanti msemmi fil-kaxxi I.8 sa I.13 tal-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat, u d-dikjarazzjoni li ġejja:

'(1)[Ħut] (1)[Molluski] (1)[Krustaċji] li joriġinaw minn żona soġġetta għal miżuri ta' kontroll tal-mard']

II.5 (1)(5)**[Rekwiżiti għal speċijiet li huma suxxettibbli għall-OsHV-1 µvar**

Jiena, l-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat, niddikjara li l-annimali tal-akkwakultura msemmija hawn fuq,

jew (1)[joriġinaw minn Stat Membru jew kompartiment:

(a) fejn l-OsHV-1 µvar għandha tiġi nnotifikata lill-awtorità kompetenti, u r-rapporti dwar suspetti ta' infezzjoni bil-marda relevanti jridu jiġu mistħarrġa minnufih mill-awtorità kompetenti,

UNJONI EWROPEA

Tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura jew prodotti tagħhom għall-konsum mill-bniedem

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(b) fejn l-annimali kollha tal-akkwakultura ta' speċijiet suxxettibbli għall-OsHV-1 µvar introdotti f'dan l-Istat Membru jew f'kompartiment jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fit-II.5 ta' dan iċ-ċertifikat,

(ċ) *jew* [1][li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-ħelsien mill-mard ekwivalenti għal dawk stipulati fil-Kapitolu VII tad-Direttiva 2006/88/KE.]

jew [1][fil-każ ta' kunsinni li huma koperti minn programm approvat bid-Deċiżjoni 2010/221/UE, maħsubin għal Stat Membru jew kompartiment, li huwa wkoll kopert minn programm ta' sorveljanza approvat bid-Deċiżjoni 2010/221/UE,]

jew [1][ġew soġġetti għall-kwarantina taħt kundizzjonijiet għall-inqas ekwivalenti għal dawk imniżżla skont id-Deċiżjoni 2008/946/KE.]

Rimarki

Parti I:

— Il-Kaxxa I.12 u I.13: Jekk xieraq, uża n-numru tal-awtorizzazzjoni tal-farm, taż-żona ta' tkabbir tal-molluski jew tal-istabbiliment ikkonċernat.

— Il-Kaxxa I.19: Uża l-kodiċijiet HS xierqa: 0301, 0302, 030270, 0303, 0306 jew 0307.

— Kaxxa I.20 u I.31: Fir-rigward tal-kwantità, agħti n-numru totali.

Parti II:

(1) Żomm skont il-każ.

(2) Il-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika għal speċijiet li huma suxxettibbli għal waħda jew aktar minn waħda mill-mardiet imsemmija f'dan it-titolu. L-ispeċijiet suxxettibbli huma elenkati fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE.

Biex jiġi awtorizzat id-dħul fi Stat Membru, f'żona jew f'kompartiment iddikjarati ħielsa minn VHS, IHN, ISA, KHV, Marteilia refringens, Bonamia ostreae, jew il-Marda tat-tikka bajda jew bi programm ta' sorveljanza jew qerda stabbilit skont l-Artikolu 44(1) jew (2) tad-Direttiva 2006/88/KE, din id-dikjarazzjoni għandha tinżamm jekk il-kunsinna tinkludi speċi suxxettibbli għal mard(a) li għalih(a) l-ħelsien mill-mard(a) jew programm(i) japplika(w), kemm-il darba il-kunsinna mhix maħsuba għal stabbilimenti tal-ipproċessar awtorizzati skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2006/88/KE, jew għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija jew negozji simili li huma mgħammra b'sistemi ta' trattament tal-effluwent li jiddiżattivaw il-patoġeni inkwistjoni, jew fejn l-effluwent huwa soġġett għal tipi oħra ta' trattament li jnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni tal-mard fl-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli

Id-dejta fuq l-istatus tal-mard ta' kull farm u żona tat-trobbija tal-molluski fl-Unjoni Ewropea huma aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/aquaculture/index_en.htm

(3) Il-Parti II.4 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika għal kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom li skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008 għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat, u li b'konformità mar-rekwiżiti għat-tqegħid fis-suq tad-Direttiva 2006/88/KE għandhom il-permess tal-awtorità kompetenti li jitilqu minn żona soġġetta għal dispożizzjonijiet ta' kontroll previsti fit-Taqsimiet 3 sa 6 tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2006/88/KE jew Stat Membru, żona jew kompartiment bi programm ta' qerda approvat skont l-Artikolu 44(2) ta' din id-Direttiva.

(4) Applikabbli meta jittieħdu miżuri skont l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2006/88/KE.

(5) Il-Parti 5 ta' dan iċ-ċertifikat tapplika biss għal kunsinni ddestinati għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija jew negozji simili fi Stati Membri jew kompartimenti li huma meqjusa li huma ħielsa mill-mard, jew li għandhom programm approvat bid-Deċiżjoni 2010/221/UE rigward l-OsHV-1 µvar, u l-kunsinna jkun fiha speċijiet elenkati bħala speċijiet suxxettibbli għall-OsHV-1 µvar fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1251/2008.

Ir-rekwiżiti stipulati fil-parti II.5 ma għandhomx japplikaw għal kunsinni ddestinati għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija jew negozji simili li huma mgħammra b'sistema għat-trattament tad-dranaġġ ivvalidata mill-awtorità kompetenti, li ddisattiva l-virusijiet b'involukru jew tnaqqas ir-riskju tat-trażmissjoni tal-mard f'meded ta' ilma naturali għal livell aċċettabbli.

Veterinarju uffiċjali jew spettur uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Unità veterinarja lokali: Nru tal-UVL:

Data: Firma:

Timbru:

PARTI Ċ

Lista ta' speċijiet suxxettibbli għall-mard li għalih il-miżuri nazzjonali huma approvati skont id-Deċiżjoni 2010/221/UE

Marda	Speċi suxxettibbli
Il-Viremija tar-Rebbiegħa tal-Karpjun (SVC)	karpjun ta' rasu kbira (*Aristichthys nobilis*), il-ħuta l-ħamra (*Carassius auratus*), karassju (*Carassius carassius*), karpjun erbivoru (*Ctenopharyngodon idellus*), karpjun komuni u l-karpjun koi (*Cyprinus carpio*), karpjun fiddieni (*Hypophthalmichthys molitrix*), sheatfish (*Silurus glanis*) tinka (*Tinca tinca*) u Orf (*Leuciscus idus*)
Mard batteriku tal-kliewi (BKD)	Familja: Salmonidae
Vajrus Infettiv tan-Nekrożi Pankreatika (IPN)	Trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*), trota tax-xmajjar (*Salvelinus fontinalis*), trota kannella (*Salmo trutta*), Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*), u Salamun tal-Paċifiku (*Oncorhynchus spp.*), u whitefish (*Coregonus lavaretus*)
Infezzjoni bil-Gyrodactylus salaris	Salamun tal-Atlantiku (*Salmo salar*), trota tal-Paċifiku (*Oncorhynchus mykiss*), trota tal-Artiku (*Salvelinus alpinus*), trota tax-xmajjar tal-Amerika ta' Fuq (*Salvelinus fontinalis*), grayling (*Thymallus thymallus*), trota tal-għadajjar tal-Amerika ta' Fuq (*Salvelinus namaycush*) u trota kannella (*Salmo trutta*).
Ostreid herpesvirus 1 µvar (OsHV-1 µvar)	Gajdra tal-Paċifiku (*Crassostrea gigas*)"